MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 956/2011

**Norbert Agius detentur ta' l-karta ta' l-identita` bin-numru 96080 (M)**

**vs**

**Charles Abela detentur ta' l-karta ta' l-identita` bin-numru 82679 (M) f'ismu proprju u bhala gestur ta' Elevator DC Company Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti fuq indikat datat l-4 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi permezz ta' skrittura privata ndikata fl-istess rikors promotur l-intimat obbliga ruhu li jikkonsenja u jinstalla *lift*, "Remar", fil-fond hemm ukoll indikat;

2. Illi dan kellu jsir ghall-prezz ta' dsatax –il elf u hames mitt Ewro, (€19,500.00);

3. Illi a bazi tal-istess skrittura r-rikorrenti hallas lill-intimat hamsin fil-fija, (50%), tal-imsemmi prezz bhala depozitu ghall-istess, u dan permezz ta' trasferiment bankarju kif indikat fl-istess rikors promotur;

4. Illi wara li l-intimat informa lir-rikorrenti li l-*lift* minnu ordnat kien wasal Malta, dan talab lir-rikorrenti jhallas it-tieni pagament ammontanti ghal erbat elef Ewro, (€4,000.00), liema ammont kien regolarment imhallas ukoll lill-intimat mir-rikorrenti;

5. Illi nonostante dawn il-pagamenti versati l-intimat la kkonsenja, u lanqas installa l-*lift* in dizamina;

6. Illi in konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti kien ghalhekk kostrett jinterpella lill-intimat biex jirritorna d-depozitu mhallas;

7. Illi in vista tal-istess interpellazzjoni l-intimat jidher li accetta li jirrifondi d-depozitu de quo u effettivament ghamel hekk ukoll billi hareg *cheque* fl-ammont minnu dovut lir-rikorrenti;

8. Illi nonostante li r-rikorrenti ittenta darbtejn isarraf dan ic-*cheque* irrizulta li kull darba gie "*referred to drawer*";

9. Illi nonostante diversi nterpellazzjonijiet ohra, l-intimat baqa' inadempjenti u ghalhekk ir-rikorrenti kien kostrett jintavola din il-procedura fejn talab:

1. Illi l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh stante li t-talba tirrigwarda ammont cert, likwidu u dovut;

2. Tiddikjara lill-intimat debitur fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont komplessiv depozitat ta' telttax –il elf, seba' mija u hamsin Ewro, (€13,750.00);

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti, inkluz l-imghaxijiet dovuti mill-1 ta' Lulju, 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

4. Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat il-verbal datat il-15 ta' Frar, 2012, fejn gie sottolineat is-segwenti:

1. Illi l-intimat effettivament gie notifikat bl-atti kif jidher mir-riferta datata s-17 ta' Novembru, 2011, fejn hemm ukoll indikat li gie anke notifikat bl-avviz ghas-smiegh;

2. Illi l-intimat jinsab fi stat ta' kontumacja;

Rat ukoll l-istess verbal fuq indikat fejn jigi sottolineat li ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba tar-rikorrenti, senjatament dik rigwardanti l-artikolu 167 tal-Kap 12, it-talba de quo tar-rikorrenti giet milqugha;

Semghet ix-xhud prodott;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkonstatat li nonostante li l-intimat inghata l-opportunita` jressaq il-provi tieghu, xorta wahda baqa' inadempjenti;

Ikkunsidrat:

Illi effettivament l-istess rikorrenti rega' kkonferma r-rikors guramentat tieghu billi xehed fil-qorti biex b'hekk anke espona ruhu ghall-possibbli kontro-ezami, li ovvjament ma sehhx;

Illi ghalhekk, fin-nuqqas ta' kontradittorju, din il-qorti m'ghandhiex ghalfejn ma tistriehx fuq il-verzjoni tal-fatti kif esposti mill-istess rikorrenti;

Ghaldaqstant, tiddikjara u tiddeciedi li qed takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-intimat Charles Abela fuq indikat debitur tar-rikorrenti Norbert Agius fis-somma komplessiva ta' tlettax –il elf u seba mija u hamsin Ewro, (€13,750.00);

2. Tikkundanna lill-imsemmi ntimat Abela jhallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lill-imsemmi rikorrenti Agius, u dan, bl-imghax skont il-ligi mill-1 ta' Lulju, 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Bl-ispejjez kontra l-istess intimat Abela fuq riferit.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------